MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 1887/2001/1

**Agius Stone Works Limited**

**Vs**

**AX Construction Limited**

Permezz ta’ citazzjoni prezentata fis-17 ta’ Dicembru 2001 l-attrici qeghda titlob il-hlas ta’ tmint elef u hamsin liri Maltin (Lm8,050) oltre l-imghax legali mid-data tal-invoices relattivi, rappresentanti prezz ta’ xogholijiet maghmula fi Scamps Palace, Cottonera skond appalt moghti mis-socjeta konvenuta permezz ta’skrittura datata 18 ta’Gunju 2001.

Permezz ta’nota tal-eccezzjonijiet pprezentata fl-24 ta’ Jannar 2002 is-socjeta konvenuta wiegbet:

1. Illi preliminarjament, l-illegittimita tas-socjeta attrici bhala kontradittur fis-sens illi l-persuni kkoncernati, partikolarment Andrew Jaccarini, kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza sa fejn kienu jafu kellhom relazzjoni guridika w kummercjali ma’socjeta wahda w cioe` Agius Marble Works Limited u li kellha tlett kuntratti principali mas-socjeta esponenti. Jidher illi f’xi stadju, wiehed ghandu x’jippresjumi illi saret in bona fede, il-korrispondenza saret bl-intestatura ta’ Agius Stone Works Limited. Konsegwentement jiddifetta l-interess bhala wiehed mill-*presuposti processuali* tal-kawza. Il-funzjonarji tas-socjeta esponenti agixxew in bona fede u hargu kont finali wiehed; jinghad illi hemm prezentata citazzjoni ohra “Agius Marble Works Ltd vs AX Construction Ltd., Cit. Nru. 1886/01 GCD” appuntata ghas-smiegh bil-procedura sommarja quddiem din il-Qorti diversament presjeduta w ghalhekk il-lok illi jintalab il-konnessjoni jew li jinstemghu kontestwalment quddiem l-istess Qorti;
2. Illi preliminarjament, is-socjeta eccepjenti tirrifjuta bil-qawwa kollha l-iskrittura privata li giet esibita mis-socjeta attrici bhala Dok “A” – din tghid is-socjeta esponenti b’insistenza illi ma hijiex kif allegat “vera kopja” u tirriserva illi tesponi jekk jirrizulta illi din il-kopja manumessa jew b’xi mod iehor ta’fax illi intbghata biex jirrikapitola l-posizzjoni wara meeting mizmum bejn ir-rappresentant tas-socjeta konvenuta Andrew Jaccarini u Rosario Agius, fil-presenza tal-perit tal-klijent principali, Dr. Edwin Mintoff, wara talba urgenti mill-klijent principali – u li taghha ix-xogholijiet kienu appalt u subappalt – ghal xogholijiet ta’tindif; ghal kull bwon fini, l-eccipjent qed jirriserva minn issa illi jimpunja tali dokument skond il-ligi;
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk din l-“iskrittura privata” tirrizulta illi hija kuntratt li jivvinkola l-partijiet, is-socjeta konvenuta tirriserva minn issa illi tagixxi ghall-penali; jizdid jinghad illi bil-fax taghhom tad-19 ta’Gunju 2001 minn Mario Schembri, kopja esibita Dok AX2, is-socjeta attrici irrifjutat li hemm ftehim u qalet illi ma setghetx tilhaq id-data tat-tlestija w ippjanat illi tieqaf mix-xogholijiet;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, mis-seba'items fil-ftehim allegat, items wiehed (1), tnejn (2) u tlieta (3) illi kienu l-parti kbira tax-xoghol ma sarx minn Agius. Items erbgha (4), hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7) saru u gew inkluzi fil-kont ghal Agius Marble Works Limited u thallsu; dawn huma nkluzi taht items 2 (valur Lm200) u item erbatax (14) (valur Lm800) fl-ahhar folja ta'Certificate 8, b'total ta'xoghol ta'tlettin elf tlieta w erbghin liri tmienja w hamsin centezmu (Lm30,043.58) u li Agius accetta ghas-saldu; id-dokument B anness mac-Citazzjoni attrici hija stima minn terzi li l-esponenti ma kellha ebda relazzjoni guridika jew negozjali u li ghamel ebda xogholijiet fil-progett;
5. Illi ghalhekk is-socjeta esponenti mill-pretensjoni avanzata fic-Citazzjoni tghid illi m'ghandha taghti xejn; fadlilha taghti ammont illi mhux mertu ta'din it-talba l-ammont ta'elfejn tlett mija w tlettax il-liri u tmienja w sittin centezmi (Lm2,313.68) bhala retention monies li kellu jithallas fit-12 ta'Ottubru 2001.

B'digriet moghti waqt is-seduta tas-27 ta' Frar 2006, il-qorti nnominat lill-perit Godwin Abela sabiex *"....jirrelata bil-miktub dwar it-talbiet attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti u wara li jezamina d-dokumenti kollha esebiti u dana bil-fakoltajiet kollha soliti inkluz li jisma' xhieda bil-gurament."*. Fil-25 ta' April 2011 il-perit tekniku pprezenta r-rapport u kkonfermah bil-gurament fil-31 ta' Mejju 2011. Mir-rapport hu evidenti li l-perit tekniku bbaza l-konkluzjonijiet tieghu fuq apprezzament ta' provi. Ma jirrizultax li ha xi kejl tax-xoghol li twettaq mill-kumpannija attrici u wisq inqas ma esprima xi fehma dwar is-somma li kellha titnaqqas mill-prezz ta' Lm10,000 wara li jkun ghamel kostatazzjonijiet teknici fil-post. Hu altru milli evidenti li l-perit tekniku strah esklussivament fuq dak li qal il-perit Yeomans ghalkemm naqas ukoll is-somma ta' Lm1,000 li qiesha bhala hlas akkont tax-xoghol li sar mill-kumpannija attrici.

Jirrizulta li permezz ta' fax datata 18 ta' Gunju 2001[1] mibghuta minn Andrew Jaccarini ghall-kumpannija konvenuta, gharraf lil Rosario Agius ta' Agius Stone Works Limited ix-xoghol li kellha taghmel. Fid-dokument

---

[1] Fol. 5.

jinghad li dakinhar stess kienet saret laqgha fil-post dwar xoghol ta' restawr fi Scamps Palace, Cottonera u hemm elenkat ix-xoghol li kellu jsir:

*"1. Cleaning of all ceilings/vaults/walls/mouldings/pilasters by means of vacuum cleaning at all levels.*

*2. Apply only one coat stabilizing solution to stone ceilings, vault inclusive of scaffolding works at all levels.*

*3. Ditto but to walls, mouldings, pilasters etc. at all levels.*

*4. Carefully take out all steel fixtures embedded in walls and make good by plastering in hydraulic lime.*

*5. Cleaning by hand of all moulded courses inclusive of necessary scaffolding.*

*6. Cleaning by hand and scrapping as necessary of walls, pilasters etc inclusive of necessary scaffolding.*

*7.General making good to all areas/rooms/corridors/pilasters/features/mouldings as necessary inclusive of all scaffolding.*

*Cost for items (1-7) above (inclusive of VAT): Lm10,000"*.

Jirrizulta li AX Construction Limited kienet originarjament tat appalt lil Agius Marble Works Limited maqsum fi tliet kuntratt A, B, u C. Hu evidenti li x-xoghol li jissemma fil-fax tat-18 ta' Gunju 2001 kien addizzjonali. Ghalkemm il-kuntratt ta' appalt principali kien inghata lil Agius Marble Works Limited, li hi relatata mal-kumpannija konvenuta, ma jfissirx li x-xogholijiet li jissemmew fid-dokument a fol. 5 kellhom isiru minn dik il-kumpannija. Mid-dokument hu evidenti li l-ftehim dwar dan ix-xoghol sar bejn il-partijiet fil-kawza. Ghalkemm fit-tielet eccezzjoni jinghad li Andrew Jaccarini, il-firmatarju tal-fax, sa fejn kien jaf kellu relazzjoni ma' Agius Marble Works Limited, din il-verzjoni m'hijiex riflessa fil-fax li baghat Jaccarini. Tant il-ftehim ghax-xoghol addizzjonali sar bejn il-partijiet fil-kawza li permezz ta' ittra datata 19 ta' Gunju 2001, Mario Schembri baghat igharraf lil Andrew Jaccarini ghalfejn ma kienx possibbli li x-xoghol jitlesta fit-terminu miftiehem[2]. L-ittra ntbagahtet fuq letterhead tal-kumpannija attrici.

Bejn il-partijiet hemm qbil li x-xoghol li jissemma f'items 2 u 3 tal-fax tat-18 ta' Gunju 2001 ma sarx.

Il-konvenuta qeghda ssostni li x-xoghol li jissemma f'items 4, 5, 6 u 7 thallas lil Agius Marble Works Limited. F'dan il-

[2] Fol. 19.

kuntest ghamlet riferenza ghad-dokument datat 12 ta' Lulju 2001, b'mod partikolari ghal dik il-parti ntestata *Valuation No. 8*, fejn jinghad:

***"2. Closing of hole with hard stone joggles……………………..200.***
***Omissis***
***14. General restoration/construction/making good works as per fax dated…………………………………………800."***[3].

Skond dikjarazzjoni ffirmata minn Rosario Agius fl-10 ta' Awwissu 2001[4] jinghad:-

***"This Certificate is issued in <u>full and final settlement</u>. The Sub-Contractor declares that there are no other pending claims of any nature except for the retention sum to be paid as per Conditions of Contract of the Sub-Contract Agreement. The retention will be refunded only, if any, defective works have been made good to the satisfaction of the Architect in Charge and Port Cottonera Limited."***.

Il-qorti m'ghandix dubju li Rosario Agius iffirma dik id-dikjarazzjoni bhala rapprezentant ta' Agius Marble Works Limited. Din hi l-kumpannija li kienet inghatat sub-appalt mill-kumpannija konvenuta.

Dikjarazzjoni li fil-fehma tal-qorti ma tistax tintuza mill-konvenuta bhala prova li l-attrici thallset ghas-saldu tax-xoghol li ghamlet. Dak id-dokument kien jirregola r-relazzjoni bejn AX Construction Limited u Agius Marble Works Limited. Il-qorti m'hijiex sodisfatta li hemm provi li jwassluha biex tikkonkludi li fuq bazi ta' probabilita', Agius Stone Works Limited kienet qeghda taqbel li c-certifikat numru 8 datat 12 ta' Lulju 2001 kien jinkludi fih il-hlas dovut ghax-xoghol li jissemma f'items 4, 5, 6, u 7 tal-fax tat-18 ta' Gunju 2001. Dan apparti li l-qorti ma tqiesx li hu verosimili li tigi ffirmata dikjarazzjoni bl-intiza li jkun hemm estinzjoni tal-obbligazzjoni tal-hlas, u inqas minn xahar wara tqum kwistjoni dwar il-hlas li qeghda tippretendi l-attrici[5]. Fil-fehma tal-qorti kieku kien hemm qbil li c-certifikat numru 8 kellu jinkludi l-hlas ghax-xoghol kollu li ghamlet l-attrici, fuq bazi ta' probabilita ma kenitx ser tqum

---

[3] Fol. 25.
[4] Fol. 26.
[5] Ara ittra legali datata 6 ta' Settembru 2001.

kwistjoni dwar il-hlas ta’ Lm10,000 f’temp ta’ ftit gimghat mill-10 ta’ Awwissu 2001, il-jum meta giet iffirmata d-dikjarazzjoni. Ix-xhud principali tal-konvenuta, Andrew Jaccarini, xehed:-

*“Illi mbaghad wara l-ferjat tas-sajf f’Awwissu, Rosario kien cempilli biex niltaqghu fuq is-sit. X’hin mort hemm irrelizzajt li Rosario baqa’ ghaddej bix-xoghol ingaggat direttament mill-klijent taghna. Jiena wrejtu li kont urtat ghaliex dan kollu sar minn wara daharna u minghajr ma konna nafu ahna. Ahna bhala kuntratturi principali l-klijent kellu obbligu fil-konfront taghna li jinfurmana b’kull sub-contractor u dan ma sarx. Meta mort fuq is-sit jien kont hadt mieghi l-inkartament relatati max-xoghol ta’ Rosario u meta saqsejtu jekk kienx hemm xi problemi huwa qalli: “Le xejn il-kejl issa maghluq.”. Fil-fatt, mhux fuq il-progett ta’ Cottonera ried ikellimni, izda dwar xoghol ta’ progett iehor fil-Forti Manoel.”*[6]. Il-qorti ma temminx din il-verzjoni, meta tqies:-

i. Jaccarini ma ta l-ebda taghrif ta’ x’kien qallu Rosario Agius meta cempillu u talbu biex jiltaqghu fuq il-post. Il-qorti tistenna li Jaccarini staqsieh ghalfejn ried li jiltaqghu fil-post, jekk kif qal kienu ghalqu l-kontijiet kollha, u Agius infurmah ghalfejn.

ii. X’kienet ir-raguni li ha l-inkartament relatat max-xoghol li sar, gialadarba kien hemm diga’ dikjarazzjoni li skond Jaccarini minnha kien jirrizulta li l-kumpanniji ta’ Rosario Agius thallsu dak kollu li kien dovut hlief ghal sehem zghir (*retention money*). Jaccarini ma ta l-ebda hjiel dwar dan.

iii. Li b’dak li qal ix-xhud jatik x’tifhem li l-kwistjoni oggett ta’ din il-kawza inqalghet bhal sajjetta fil-bnazzi. Madankollu f’ittra legali datata 6 ta’ Settembru 2001, jirrizulta li dik m’hijiex ir-realta’. Mill-ittra hu altru milli evidenti kif Agius kien qieghed f’kuntatt ma’ Jaccarini minhabba l-pretensjoni li kellha ghall-hlas tax-xoghol. Hu wkoll verosimili li Agius kien kellem lil Jaccarini qabel intbaghatet l-ittra legali, iktar u iktar meta tqies li Jaccarini stess xehed kemm kellu relazzjoni tajba ma’ Agius.

Inoltre, l-qorti thoss li ghandha ssemmi l-fatt li mis-sentenza li nghatat fil-31 ta’ Ottubru 2007 mill-Qorti tal-

[6] Fol. 61-62.

Appell fil-kawza **Agius Marble Works Limited v AX Construction Limited**[7], jirrizulta kif minkejja ld-dikjarazzjoni iffiirmata fl-10 ta' Awwissu 2001, Agius Marble Works Limited xorta giet dikjarata ntitolata titlob il-hlas ta' Lm13,388.75 ghal xoghol addizzjonali. Il-qorti zzid li mic-certifikat numru 8 datat 12 ta' Lulju 2001[8] ma tistax tasal ghal konkluzjoni li items 2 u 14, kif allegat mill-konvenuta, jinkludu x-xoghol kollu li ghamlet il-konvenuta skond il-fax tat-18 ta' Gunju 2001 mibghuta minn Andrew Jaccarini ghan-nom tal-kumpannija konvenuta.

Il-problema tista' tghid li nqalghet minhabba li fil-fax tat-18 ta' Gunju 2001 issemma biss prezz globali ta' Lm10,000 u wara li gie deciz li l-attrici ma taghmilx it-tindif bil-vacuum u x-xoghol li jissemma fl-items 2 u 3, il-prezz ta' Lm10,000 ma giex rivedut. F'dan ir-rigward filwaqt li:-

i. L-attrici tippretendi li x-xogholijiet li jissemmew fl-items 4, 5, 6 u 7 ghandhom valur ta' Lm8,053[9]. Ghalkemm fic-citazzjoni jinghad li kien biss ix-xoghol li jissemma f'items 2 u 3 li ma sarux, fir-realta il-qorti temmen li lanqas tindif ta' soqfa u hitan b'*vacuum* ma sar; min-naha l-ohra

ii. Il-konvenuta tippretendi li bhala xogholijiet saru biss dawk li jissemmew fl-items 4, 5, 6, u 7 b'valur ta' Lm1,003.95[10], u li fir-rigward tax-xoghol li jissemma fil-paragrafu 1 *".....qatt ma sar vacuum cleaning tas-ceilings/vaults/walls/mouldings/pilasters."*.

---

[7] Dik il-kawza kienet titratta s-subappalt li nghata lil Agius Marble Works Limited fir-rigward ta' Scamps Palace, Cottonera u talbet hlas ghal xoghol addizzjonali. Kemm l-ewwel qorti u l-Qorti tal-Appell ikkunsidraw jekk minhabba d-dikjarazzjoni ffirmata fl-10 ta' Awwissu 2001, Agius Marble Works Limited kenitx intitolata titlob iktar flus. Il-kaz gie deciz favur Agius Marble Works Limited. Fis-sentenza l-Qorti tal-Appell osservat ukoll li:- *"tirravisa certa malizzja fil-mod kif kienet redatta l-istess dikjarazzjoni ffirmata mir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta, billi f'dik l-istess dikjarazzjoni issir referenza specifika ghas-"Sub-Contract Agreement Ref. PC-002/PC-003/PC-004 (Contracts A,B and C) b'mod li min jhares lejn dik id-dikjarazzjoni qabel ma jiffirma jinghata x'jifhem li dak il-pagament "ghas-saldu" kien qed isir in konnessjoni max-xogholijiet indikata fl-istess "Sub-Contract Agreements" u mhux ukoll, kif issostni s-socjeta' konvenuta, anke ghax-xogholijiet addizzjonali li saru oltre dak li kien stipulat fl-istess "Agreements". Din il-Qorti ghalhekk ma tara xejn x'ticcensura f'dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti fir-rigward."*.

[8] Fol. 20 sa 25.

[9] Ara dokument a fol. 93.

[10] Ara dokument a fol. 63.

Xehed il-perit Keith Yeomans li fiz-zmien in kwistjoni kien impjegat mad-ditta Dr Edwin Mintoff & Associates, u dan bhala *site manager* tal-progett. Il-klijenta tal-imsemmija ditta kienet Port Cottonera Limited. Il-konvenuta ghamlet hafna enfazi fuq il-fatt li dan ix-xhud m'huwiex kredibbli ghaliex mill-provi rrizulta li kien beda jahdem ghal rasu u l-kumpannija konvenuta u Agius Marble Works Limited kienu klijenti tieghu. Il-qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament. Jekk wiehed kellu jaddotta din il-linja allura jfisser li l-qorti lanqas ma ghandha tikkunsidra dak li qalu l-impjegati tal-kumpannija konvenuta. Fis-sentenza tal-31 ta' Ottubru 2007 il-Qorti tal-Appell diga' kellha l-opportunita li tikkummenta dwar dan il-fatt, u osservat:
*"Ghar-rigward tal-pregudizzjali mressqa mis-socjeta' konvenuta appellanti dwar ix-xhud Yeomans din il-Qorti hi tal-fehma li l-istess socjeta konvenuta ma ressqet ebda prova dwar xi pregudizzju da parti ta' dan ix-xhud favur is-socjeta attrici. Il-fatt li dan seta' kellu relazzjonjiet ta' xoghol ma' socjeta assocjata mas-socjeta attrici ma ghandux jirrifletti hazin fuq il-gudizzju tieghu fil-kaz in ezami."*[11].
Il-qorti qrat kemm-il darba l-affidavits ta' Yeomans u t-traskrizzjonijiet ta' meta xehed, u ma tistax tikkonkludi li m'huwiex kredibbli. Il-qorti ma tkunx qeghda taghmel gustizzja jekk tiskarta dak li qal il-perit Yeomans sempliciment minhabba li l-konvenuta qeghda tallega li *"......l-konnessjonijiet sussegwenti tieghu mas-socjeta attrici tqieghed f'dubju serju kemm jista' jitqies bhala xhieda indipendenti."*[12]. Din hi l-unika kritika li ghamlet il-konvenuta fil-konfront tal-perit Yeomans, minghajr ma ghamlet xi riferenza ghal dak li xehed biex tikkonvinci lill-qorti li x-xhud kien qieghed jigdeb. Ghalkemm ix-xhud ma kienx direttament involut fir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet u lanqas fic-certifikati li minn zmien ghal zmien kienu qeghdin jinhargu minn AX Construction Limited fir-rigward tax-xoghol li ghamlet Agius Marble Works Limited u eventwalment Agius Stone Works Limited, jibqa' l-fatt li dan kien il-perit inkarigat mis-supervizjoni tax-xogholijiet fl-interess ta' Port Cottonera Limited u kien ukoll qieghed

[11] Fol. 12 tas-sentenza.
[12] Ara fol. 4 tan-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fl-10 ta' Mejju 2012 mill-konvenuta.

jiccertifika x-xogholijiet sabiex eventwalment isir il-hlas lill-kuntratturi, fosthom AX Construction Limited. Il-perit Yeomans ikkonferma li:-

i. Ix-xoghol li l-attrici qeghda titlob il-hlas tieghu sar minnha.

ii. L-attrici ma ghamlitx ix-xoghol li jissemma fl-items 2 u 3 tal-fax tat-18 ta' Gunju 2001.

iii. Il-konvenuta thallset is-somma ta' Lm16,531.25 minghand Port Cottoner Limited ghal xoghol addizzjonali, li kien jinkludi x-xoghol li ghamlet l-attrici[13]. Dan il-fatt jsahhah il-fehma tal-qorti li l-prezz ta' Lm1,003.95 li ffissa Andrew Jaccarini ghall-items 4, 5, 6 u 7[14] hu ferm baxx meta paragunat xi thallset AX Construction ghax-xoghol addizzjonali.

iv. Ix-xoghol li kellu jsir skond items 2 sa 3 kien ikopri kejl superficjali ta' 1,900 metri kwadri, u fil-fehma tieghu kien jiggustifika rata ta' hlas ta' Lm1.50 li jinkludi l-VAT; *"Therefore it is my opinion that a fair rate of Lm1.50 including VAT is appropriate for the application of a single coat. With a total area of 1900 m2 as per Items 2 and 3 discussed above in Part A of this report, the total value of works not carried out by Agius Stone Works Limited, in my opinion is Lm2850."*[15].

Fir-rigward ta' items 2 u 3, Andrew Jaccarini pprezenta dokument[16] fejn il-kejl superficjali tas-soqfa u hitan fejn kellu jinghata *stone stabilizer*, jinghad li hu ta' 2,620 metri kwadri[17]. Il-qorti ma tifhimx, u x-xhud ma spjegax, id-diskrepanza li hemm ma' item 1 li tirreferi ghal *"**<u>cleaning of all</u>** ceilings/vaults/walls/mouldings and pilasters by means of vacuum cleaning at all levels"*[18] u fir-rigward ta' liema ddikjara li hemm kejl ta' 2,117 metri kwadri. Meqjus ukoll din id-diskrepanza ta' kejl li x-xhud naqas milli jispjega, il-qorti taghzel li temmen dak li qal il-perit Yeomans li l-kejl fejn kellu jsir ix-xoghol li jissemma bhala

---

[13] Ara affidavit a fol. 103 u dokument anness.
[14] Ara fol. 63.
[15] Fol. 43.
[16] Fol. 63.
[17] Skond il-fax tat-18 ta' Gunju 2001 kellu jigi applikat *stabilising solution* to *"...stone ceilings, vault inclusive of scaffolding works at all levels."* u *"Ditto but to walls, mouldings, pilasters etc at all levels."*.
[18] Enfazi tal-qorti.

items 2 u 3 u li ma sarx mill-attrici, kien ta' 1,900 metri kwadri.

Ghal dik li hi rata ta' hlas, hu fatt li l-perit Yeomans ma kienx parti mill-ftehim li sar bejn il-partijiet fil-kawza. Ghalkemm qal li fil-fehma tieghu rata ta' Lm1.50 kull metru kwadru kienet gustifikata, din hi biss opinjoni. Min-naha tieghu Jaccarini ddikjara li r-rata kienet ta' Lm2.50 ghal kull metru kwadru. Rosario Agius ma qal xejn dwar ir-rata. Madankollu l-qorti hi moralment konvinta li r-rati li semma Jaccarini fid-Dokument AJ1 fir-rigward ta' items 1 u l-kejl fir-rigward ta' items 2 u 3 huma ezagerati. Konkluzjoni li tasal ghaliha meta tqies id-deposizzjoni ta' Yeomans, rata ta' hlas li Jaccarini ikkwota ghal tindif ta' moulded courses meta paragunat mal-applikazzjoni ta' stone stabilizer, kif ukoll il-prezz ezagerat fir-rigward tat-tindif bil-vacuum meta tqies l-istima li kienet inghatat l-attrici ghal dan ix-xoghol u li kienet tinkludi l-applikazzjoni ta' sealer. Fic-cirkostanzi l-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq rata ta' Lm2.50 li pero tinkludi fiha l-VAT u xoghol ta' tindif bil-vacuum li kellu jsir u ma sarx.

Mid-dokument li hejja Jaccarini jidher bic-car li lanqas ma inkluda hlas ghall-uzu ta' scaffolding tal-attrici. Fl-affidavit qal: *"Illi nghid ukoll li x-xogholijiet elenkati fil-fax tat-18 ta' Gunju kienu jinhtiegu l-armar ta' scaffolding, izda dan kien diga' jinsab armat ghal xoghol iehor li Agius kienu qed jaghmlu. Ghalhekk ma kienx hemm spiza ta' armar ta' scaffolding ghall-items Nru 4,5,6 u 7."*[19]. Madankollu l-fax tat-18 ta' Gunju 2001 taghti lill-qorti x'tifhem li l-prezz ta' Lm10,000 kien jinkludi hlas ghall-uzu ta' scaffolding.

Ghal dak li jikkoncerna *items*:-

(a) **1** – il-qorti hi tal-fehma li f'dan ir-rigward dak li jinghad fid-dokument AJ1 li pprezenta Jaccarini, ma jirriflettix ir-realta[20]. Mill-provi rrizulta li fil-11 ta' Gunju 2001 l-attrici kienet inghatat stima minn terzi, ghat-tindif u applikazzjoni ta' sealer fis-soqfa u hitan, ta' Lm1,950 mhux inkluz VAT[21]. Jidher li dik l-istima tkopri items 1, 2, u 3 tal-fax tat-18 ta' Gunju 2001. Ghalhekk fic-cirkostanzi prezz ta' Lm1,270.30 ghal tindif ta' soqfa u hitan

---

[19] Fol. 61.

[20] Skond il-kalkoli li ghamel Jaccarini, l-attrici kellha tithallas b'kollox is-somma ta' Lm1,270.20 ghal tindif tas-soqfa u hitan bil-vacuum.

[21] Dok. B a fol. 6.

b'vacuum, skond dak li ddikjara Jaccarini, hu ghal kollox barra minn loku. Il-qorti lanqas ma taqbel mal-attrici li ghandha tithallas xi flus ghal tindif ta' soqfa u hitan b'vacuum[22], meta hi stess fic-citazzjoni naqset is-somma ta' Lm1,950, cifra li tinkludi fiha stima ghax-xoghol ta' tindif b'vacuum skond id-dokument A[23] li hi stess ipprezentat mac-citazzjoni.

(b) **4** – il-qorti ma taqbilx li s-somma ta' Lm200 imhallsa ghal *closing of holes with hard stone joggles (Qty 20)* tirreferi ghal din l-item. Fid-dokument li pprezenta Jaccarini (Dok. AJ1[24]) jissemmew *"steel fixtures embedded in walls and make good by plastering in hydraulic lime (40 per floor)"* bi prezz ta' Lm144 li maghhom iridu jizdiedu Lm21.6 VAT, total ta' Lm165.60.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-attrici pprezentat fil-25 ta' Gunju 2010 hu evidenti li taqbel li mis-somma li qeghda tippretendi ghandha titnaqqas is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) li tissemma fir-rapport tal-perit Godwin Abela. In vista tal-posizzjoni li hadet l-attrici, il-qorti ser tnaqqas din ic-cifra mill-ammont finali.

Ghalhekk skond il-kalkoli li ghamlet il-qorti mill-prezz ta' Lm10,000 ghandhom jitnaqqsu:-

i. Lm1,000................ meqjus li l-attrici ddikjarat: *"....x-xogholijiet inkluzi fil-ftehim ta' appalt datat 18 ta' Gunju, 2001 u numerati 1, 4, 5, 6 u 7 gew maghmula mill-kumpannija attrici u illi hi ghadha ma thallsitx ghall-istess xogholijiet hlief ghall-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1,000) imsemmi fir-rapport tal-Perit Godwin Abela......."*[25].

ii. Lm4,750 fir-rigward tax-xoghol relatat ma' items 2 u 3 li jinkludi fih konsiderazzjoni wkoll tat-tindif bil-vacuum li ghall-qorti ma sarx.

Total ta' **Lm4,250 (€9,899.83)**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni;**

**2. Tichad it-tieni eccezzjoni;**

**3. Tiddikjara li m'hemmx x'tiddeciedi dwar it-tielet eccezzjoni gialadarba l-pretensjoni li jista' ghandha l-**

---

[22] L-attrici tippretendi Lm100 – ara dokument a fol. 93.
[23] Fol. 5.
[24] Fol. 63.
[25] Ara pagna 6 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici.

**konvenuta ghall-hlas ta' penali m'huwiex meritu ta' din il-kawza.**
**4. Fir-rigward tar-raba' eccezzjoni tichad li l-hlas li sar ta' Lm1,000 kien ghas-saldu, b'dan li din is-somma tnaqqset in vista tad-dikjarazzjoni li ghamlet l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet;**
**u tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' disat elef tmien mija u disgha u disghajn ewro u tlieta u tmenin centezmu (€9,899.83), u b'hekk tikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas din is-somma lill-kumpannija attrici. Bl-imghax mis-7 ta' Settembru 2001, data meta il-kumpannija konvenuta rceviet l-ittra legali li qeghda titqies bhala l-kont[26].**
**Spejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[26] Fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2002, il-perit Yeomans xehed: "*...nikkonferma li x-xogholijiet in kwestjoni gew kompletati sat-30 ta' Gunju tas-sena 2001.*". F'dan il-kuntest ara wkoll ir-ragunament li ghamlet il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Agius Marble Works Limited vs AX Construction Limited** (1886/2001) deciza fil-31 ta' Ottubru 2007, fejn ikkonfermat li japplika l-Artikolu 1141(1).